MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2009

Talba Numru. 660/2009

**Merlin International Limited**

**vs**

**Christian Callus**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi in forza ta' liema ntalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mitt ewro (€400.00) rapprezentanti bilanc li kien ghadu dovut in konnessjoni ma' kiri ta' karozza, liema ammont baqa' ma thallasx. Bl-ispejjez u bl-imghax legali mit-12 ta' Jannar, 2009 kif ukoll l-ispejjez tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment ma' dana l-att.

It-Tribunal sema' lil konvenut jikkonferma bil-gurament tieghu illi huwa fil-fatt kien qed jammetti illi fadallu jaghti lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett mija u hamsin ewro

(€350.00) u dana peress li fil-mori ta’ din il-kawza, huwa kien hallas is-somma ta’ hamsin ewro (€50.00) akkont.
It-Tribunal ghalhekk fuq ammissjoni tal-istess konvenut qieghed jilqa’ t-talba attrici fis-sens illi jiddikjara li s-socjeta’ attrici ghandha tiehu minghand il-konvenut is-somma ta’ tlett mija u hamsin ewro (€350.00) minflok erba’ mitt ewro (€400.00) in vista ta’ pagament fil-mori ta’ dawn il-proceduri u ghaldaqstant jikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett mija u hamsin ewro (€350.00). Bl-imghax legali dekoribbli mid-data tal-prezentata tal-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta’ din l-istanza kif mitluba a karigu tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------